# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**DISTRETT QORMI**

**Pulizija**

**vs**

**Harold Gerada**

**Illum, 16 ta’ April, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni maħruġa fil-konfront ta’ Harold Gerada detentur tal-karta tal-identità numru 479073M, fejn ġie akkużat talli fil-5 ta’ Frar, 2019, għall-ħabta ta’ l-10.30hrs, fi Triq Tin, Ħal Qormi ħebb għal Lawrence Gerada, biex jinġurjah, idejjqu jew jagħmillu ħsara b’xi mod, u talli bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil missieru, Laurence Gerada, jibża’ li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti tal-kawżi fl-ismijiet, Pulizija vs Marcelle Xuereb u Pulizija vs Lawrence Gerada, li jirrelataw dwar l-istess incident, u dana in vista tal-qbil li sar bejn il-Prosekuzzjoni, parte ċivile u difiża waqt is-smigħ tal-kawża, liema qbil ġie vverbalizzat f'diversi verbali.

Rat l-atti tal-kawżi fl-ismijiet Pulizija vs Lawrence Gerada, għal dak li jirrigwarda l-inċident tal-25 ta' Diċembru, 2018, u għal dak li jirrigwarda d-9 ta' Frar, 2019, in vista tal-qbil li sar bejn il-Prosekuzzjoni, parte ċivile u difiża waqt is-smigħ tal-kawża, liema qbil ġie vverbalizzat.

**Ikkunsidrat;**

In suċċint, il-provi li nġabru f'din il-kawża u fil-kawżi li kienu qed jinstemgħu flimkien ma' din il-kawża, liema provi jgħoddu wkoll f'din il-kawża, huma s-segwenti:

**WPC 329 T Azzopardi** xehdet permezz ta' affidavit, fejn spjegat li fil-5 ta' Frar, 2019, Lawrence Gerada rrapporta li ibnu Harold Gerada u Marcelle Xuereb, kienu marru fir-residenza tiegħu. Spjegat li Lawrence Gerada kien fi stat ta' paniku u ta' biża'. Spjegat li Lawrence qalilha li ibnu u l-*partner* tiegħu, kienu ġew id-dar biex jieħdu xi affarijiet minn hemm, u huwa kien talabhom biex ma jidħlux. Spjegat li Lawrence infurmaha li ibnu beda jimbottah 'il ġewwa, u Lawrence beda jilqa' biex ma jidħolx. WPC 329 kompliet tgħid li Lawrence Gerada sostna li ibnu ma weġġgħux, iżda huwa ma kienx jiflaħ għal ibnu. Spjegat li Lawrence kien qalilha li l-*partner* ta' ibnu kienet għajritu bi kliem dispreġġjativ. Sostniet li Lawrence infurmaha li ibnu xorta daħal u ħa xi affarijiet mid-dar.

WPC 329 kompliet tgħid li meta tkellmet ma' Harold Gerada, dan spjegalha li huwa għandu nofs il-proprjetà ta' missieru, u kien mar biex jieħu xi affarijiet tiegħu. Spjegalha wkoll li ħuh kien infurmah li missieru ma riedx jagħtih dawn l-affarijiet. Sostniet li Harold Gerada nnega li mbotta lil missieru, u addirittura dan qal li kien missieru li mbotta lilu. Meta tkellmet ma' Marcelle Xuereb, din sostniet li hija ma kellmitx lil Lawrence Gerada.

**WPS161 T Camilleri** ppreżentat affidavit fejn spjegat li fid-9 ta' Frar, 2019, għal xi 9.35 hrs, Harold Gerada rrapporta li missieru, Lawrence Gerada, kien biddillu s-serratura tar-remissa fi Triq San Benedittu, Ħal Qormi, u li huwa għandu nofs indiviż minn din il-proprjetà. Spjegat li dan qal li kellu xi affarijiet ġo fiha u kellu

bżonnhom. Fis-17 ta' Frar, 2019, ġie mitkellem Lawrence Gerada, li ma riedx jiffirma dikjarazzjoni tad-dritt tal-avukat, u fejn qal li l-post huwa tiegħu, kien xtrah huwa stess, u rranġah hu wkoll.

**PS 1502 R Grech** ippreżenta affidavit fejn spjega li fil-25 ta' Diċembru, 2018, għal xi 10.30hrs, irrapporta Harold Gerada, illi kien sab il-proprjetà tad-dar matrimonjali ta' ommu u ta' missieru, fi Triq it-Tin, Qormi, iżda s-serratura tal-bieb ta' barra ġiet mibdula minn missieru, Lawrence. Spjega li Harold Gerada nsista li dan il-bdil sar illum, għax sal-bieraħ, kien kollox sew. Spjega li Harold Gerada qal li huwa werriet ta' ommu, u li ħuh, John Gerada, kien għamel xi xogħolijiet fil-garaxx għal missieru, u li b'konsegwenza ta' dan, huwa lanqas ma jista' jidħol fil-garaxx. Spjega li huwa rnexxielu jiftaħ biċ-ċavetta li għandu l-garaxx, iżda mbagħad, sab ħadida wara l-bieb, li biha ma setgħax jiftaħ u jidħol fil-garaxx. Spjega li Harold Gerada kien infurmah li fir-rigward tal-proprjetà li hemm fi Triq San Benedittu, Qormi, sa issa kollox kien sew. Spjega li Harold Gerada kien ipproduċa wkoll, il-kuntratt minn fejn kien qed isostni t-titlu tiegħu. Spjega li meta sar kuntatt ma' Lawrence Gerada, dan qal li hemm xi kawża, u li ried ikellem lil avukata tiegħu. Kompla jgħid li Harold Gerada, reġa' mar l-Għassa, fejn qal li huwa kellu l-indirizz fuq dik id-dar, u li kien qed jistenna xi ittri importanti. Spjega li meta reġa' ġie mitkellem Lawrence Gerada, dan qallu li x-xoghol tal-Pulizija irid jitwettaq, u li l-avukata tiegħu kienet qaltlu li dan kollu mertu ta' kawża ċivili.

**Lawrence Gerada** xehed li fl-5 ta' Frar, 2019, kien qiegħed jirranġa bieb tal-garaxx, u ġie għalih ibnu. Qal li ibnu mbuttah, u l-*partner* tiegħu daħlet ħadet il-*power wash*. Spjega li l-*partner* ta' ibnu bdiet tgħajjru u tinsulentah. Huwa sostna li dawn daħlu f'daru. Sostna li huwa ma jiftakarx xi kliem intqal fil-konfront tiegħu għaliex ixxukkja ruħu. Iżda l-kliem kien wieħed ta' tgħajjir. Huwa ċaħad li ħebb għal ibnu, anke in vista tal-età tiegħ u. Insista li kien ibnu Harold li mbuttaħ fil-bieb tal-garaxx. Sostna li wara l-mewt ta' martu, Harold Gerada beda jidħol u joħroġ x'hin irid, u anke jinsulentah. Sostna li dan beda jħalli mbarazz fid-dar. Sostna li beda jsib affarijiet neqsin mid-dar ukoll.

In kontroeżami, huwa sostna li hu u Harold bdew jimbuttaw lil xulxin. Spjega li Marcelle Xuereb daħlet minn taħtu u bdiet tgħajjru. Sostna li mbagħad Harold irnexxielu jimbuttah u daħal, filwaqt li ħa l-*clamps*. Sostna li d-dar in kwistjoni, hija dik matrimonjali li bena hu. Sostna li huwa kien dejjem jiġġieled ma' martu minħabba l-vizzju tal-logħob li kellha.

Lawrence Gerada kompla bix-xhieda tiegħu, fejn qal li Marcelle Xuereb kienet ġol-karozza dakinhar tal-inċident u daħlet tiġri, u bdiet tinsulentah u tgħajjru. Insista li lil martu kien jagħtiha flus. Sostna li martu kellha l-vizzju tal-logħob, u kienet tilgħab il-flus li kien ikollha. Insista li Harold kien jieħu mid-dar dawk l-oġġetti li kienu tajba.

F'seduta oħra, Lawrence Gerada insista li Harold Gerada kien ilu għal erba' snin li telaq mid-dar, u fi żmien meta kienet għadha ħ ajja ommu. Meta żżewwġet it-tifla tiegħu fit-23 ta' Mejju, 2016, huwa kien diġà ma għadux joqgħod fid-dar. Sostna li meta kien jirċievi xi posta ndirizzata lil ibnu, kien jibgħatha lura. Sostna li Harold ħalla xi affarijiet hemmhekk.

In kontroeżami, Lawrence Gerada sostna, li kien hemm każ ta' separazzjoni bejnu u bejn martu. Huwa kkonferma li meta martu kienet l-Isptar Karen Grech, huwa kien biddel is-serratura tal-bieb.

In rieżami, huwa qal li jrid garanzija għaliex irid jipproteġġi lilu nnifsu.

**Harold Gerada** xehed li fl-4 ta' Frar, ċempel lil ħuh Johnny. Dana peress li fil-25 ta' Diċembru, missieru kien fettilu jagħlaq is-serratura ta' dar martimonjali. Sostna li fl-4 ta' Frar, ċempel lil ħuh, u qallu li għandu bżonn il-*Hoover*. Sostna li ħuh kien kellem lil missieru, u mbagħad infurmah li missieru ma riedx jagħtih dan il-*Hoover*. Sostna li huwa ra l-bieb miftuħ tal-garaxx. Sostna li huwa ħa l-*Hoover,* u x'ħin daħal biex jieħu l-*powerwash*, missieru laqgħu bil-bieb b'kollox, u beda jimbottah. Sostna li kien huwa li għajjat lil Marcelle. Sostna li huwa, kulma qal lil missieru kien, li huwa għandu nofs il-post. Insista li Marcelle ma tkellmux lil missieru. Insista wkoll li kien hu li kien idur b'ommu.

F'seduta oħra, huwa kompla jeżebixxi dokumenti biex jipprova li huwa għandu nofs id-dar, u kif ukoll kopja ta' rapporti li kienu saru. Sostna li dakinhar tal-inċident, huwa ha l-*Hoover,* u hu u dieħel għall-*power wash*, ġie missieru fuqu u mbuttah. Sostna li huwa għħ,ajjat lil Marcelle Xuereb u din ħadet il-*power wash* u imbagħad telqu. Reġa' nsista li Marcelle Xuereb ma qalet xejn lil missieru.

In kontroeżami, huwa sostna li jorqod ġol-karozza. Huwa sostna li l-aċċess li kellu għad-dar, ingħalaq fil-25 ta' Diċembru, 2018. Sostna li dan ingħalaq minn missieru u ħuh, li kienu għamlu stanga mal-bieb, għax skont ħuh, missieru kien qed jibża', peress li kienu ġew iħabbtulu mal-bieb. Sostna li missieru, fl-inċident

mertu ta' din il-kawża, kien qallu biex ma jidħolx fil-garaxx, u huwa kien irrispondih li huwa għandu nofsu. Insista li kellu bżonn il-*Hoover*. Huwa spjega bil-ġurament tiegħu, li jkun hemm perijodu fejn kien qed jorqod fil-karozza, u perijodu fejn kien qed jorqod mal-*partner*. Huwa nsista li kien jieħu ħsieb lil ommu, u kien jixtrilha dak li jkollha bżonn.

In rieżami, huwa spjega li ġieli ġabar posta mid-dar tal-ġenituri tiegħu.

F'seduta ohra, Harold Gerada xehed li huwa kien għamel rapport għaliex kien tilef il-kartiera. Huwa eżebixxa ittri mibgħuta mis-Sigurtà Soċjali, u rapport li għamel.

In kontroeżami, huwa sostna li għadu bla ċavetta tad-dar tiegħu. Sostna li huwa spiċċa jgħix ġo garaxx taħt l-art. Sostna li l-ittri li jirċievi fid-dar fejn trabba mal-ġenituri tiegħu, qed jiġu rrifjutati.

F'seduta oħra, Harold Gerada eżebixxa żewġ ritratti datati 25 ta' Diċembru, u l-ieħor datat 5 jew 9 ta' Frar. Spjega li fl-24 ta' Diċembru, 2018, huwa mar id-dar bin-numru 36, għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu, u sab lil ħuh John Gerada jtaqqab il-bieb biex jagħmel stanga wara l-bieb, għaliex qallu li missieru kien qed jibża'. Spjega li lil John kien qallu biex isakkar kemm irid, imma ried iħallilu aċċess biex jidħol. Spjega li imbagħad fil-25 ta' Diċembru, isib kullimkien imsakkar, u fuq *Facebook*, ittella' dan ir-ritratt eżebit, biex jipprovokawh. Fir-rigward tal-inċident ta' Frar 2019, huwa kien mar biex juża r-remissa, li wkoll għandu nofsha, u sabha magħluqa. Spjega li huwa kellu jitlob l-intervent tal-Pulizija biex seta' jiġbor is-serkin minn hemmhekk. Sostna li ilu tliet snin isib id-dar magħl uqa. Sostna wkoll li llum-il ġurnata, twaħħlet *camera* u din twaħħlet mingħajr il-permess tiegħu.

**Marcelle Xuereb** spjegat li fil-5 ta' Frar, 2019, hi u Harold kienu għaddejjin minn quddiem id-dar tal-ġenituri ta' Harold, u raw il-garaxx miftuħ. Harold niżel għall-*Hoover*. Sostniet li Lawrence ma kienx jidher li kien hemm. Kompliet tgħid li Harold mar għall-*Hoover*, u f'daqqa waħda, semgħetu jsejħilha biex tmur għall-*powerwash*. Qalet li rat lil Harold b'idu mgħollija, u x-xiħ jimbottah. Qalet li Harold kien qiegħed biss jilqa' b'idejh. Insistiet li kien Lawrence li kien qed jimbotta. Kompliet tgħid li hija harġet il-*powerwash* u telqet 'il barra. Insistiet li hija ma kellmitx lil Lawrence.

In kontroeżami, hija kkonfermat li Lawrence Gerada qalilha biex titlaq, iżda hi ma weġbitu xejn. Qalet li din ma kinitx l-ewwel darba li Lawrence Gerada ġġieled magħ ha. Insistiet li omm Harold kienet tħobbha ħafna. Spjegat li Harold dejjem qalilha li l-*Hoover* hija proprjetà tiegħu.

**John Gerada** xehed li huwa jiġ i iben Lawrence Gerada. Qal li fl-24 ta' Diċembru, 2018, huwa ħa ritratt ma' missieru, għax kien ferħan li evita li jagħmel operazzjoni. Spjega li missieru kien ilu jgħidlu li qed jinfetaħ il-bieb bil-lejl u kien qed jibża'. Sostna li biex iserraħ moħħ missieru, kien taqqab toqba fl-art, u kien Harold stess li tah ħ adida. Sostna li Harold kien ċempillu u qallu li missieru kien biddel is-serraturi tad-dar. Insista li missieru għamel dan, biex ikun protett, għax qabel, is-serraturi ma kinux sodi. Sostna li missieru kien għamel *cameras* ukoll, tant kien qed jibża'. Spjega li Harold kien mar joqgħod ma' Marcelle madwar tliet snin. Sostna li Harold ħalla biss l-oġġetti li ma jużax kuljum. Sostna li ħuh Harold, kien urih appartament u garaxx li għ andu. Sostna li s-sitwazzjoni aggravat ruħha meta ommhom kienet l-isptar.

Sostna li ħuh kien għamel is-santi tal-mewt ta' ommu mad-dar kollha, u din kienet qed taffettwa b'mod ħażin lil missieru. Sostna li missieru kien qed jilmenta, li Harold kien qed jitfa' l-affarijiet ġewwa l-garaxx. Beda wkoll isib l-vit tal-ilma tal-magna tal-ħasil magħluq. Ikkonferma li ommu kellha l-vizzju tal-logħob. Insista li missieru kien jieħu ħsieb lil ommu meta din mardet.

In kontroeżami, huwa kkonferma li huma 4 aħwa, u li ħuh Harold, għadu ġuvni. B'referenza għar-ritratt eżebit fejn hemm imniżżel li Wenzu għamilha, huwa ried ifisser li missieru kien xorob. Sostna li s-serraturi nbidlu l-għada li ttieħed dan ir-ritratt. Ikkonferma li Harold kellu ċwievet tad-dar.

In rieżami, huwa spjega li missieru jibża' minn Harold, għax dan ġieli għamel għalih, u anke heddu.

John Gerada xehed ukoll f'seduta oħra, fejn qal li fil-5 ta' Frar, 2019, missieru kien talbu biex imur fejnu fl-Għassa ta' Ħ al Qormi. Spjega li meta mar, missieru qallu li huwa kien qiegħed ġewwa bil-bieb miftuħ, u daħal Harold, fejn qagħad quddiemu, mentri għajjat lil Marcelle sabiex tidħol tieħu xi *Hoover*. Spjega li huwa ma kienx hemm, u għalhekk jaf biss dak li qallu missieru.

In kontroeżami, huwa qal li kien missieru li mar l-Għassa jagħmel rapport, u li f'dan l-inċident, missieru ma kienx weġġa'.

**Miriam Portelli** xehdet li tiġi bint Lawrence Gerada. Spjegat li meta ommha kienet l-isptar, kien imur iżurha kulhadd. Sostniet li l-intoppi bdew meta Harold Gerada ltaqa' ma' Marcelle Xuereb. Spjegat li sa anke kienu jieħdu lil ommha tara t-tiġrijiet taż-żwiemel bil-ħarqa u bil-*wheelchair*. Sostniet li għandhom il-problemi bit-testment għaliex tgħid, li ommha ġiet imġagħla tagħmel li għamlet. Meta ħarġet mill-Isptar Karen Grech, missierha kien jieħu ħ sieb lil ommha. Kienu jiġu l-*carers* ukoll. Sostniet li Harold Gerada u Marcelle Xuereb kienu dejjem jaqbdu l-argumenti ma' missierha. Sostniet li Harold Gerada ma kienx joqgħod fid-dar tal-ġenituri tagħhom, iżda ma tafx jekk kellux oġġetti tiegħu f'dik id-dar. Sostniet li missierha kien iħossu mbeżża' minn Harold u l-*partner* tiegħu.

**Ikkunsidrat**

L-imputat qed jiġi akkużat ai termini tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè li *"ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi".*

Jiġi rilevat li skont il-ġurisprudenza nostrana dwar tali kontravvenzjoni, intqal li sabiex tisussisti kontravenzjoni ai termini tal-Artikolu 339(1)(d), il-potenzjonalità ta' kuntatt fiżiku huwa biżżejjed. Fl-Appell Kriminali, Il-Pulizija v. Joseph Pace, mogħtija fid 9 ta' Mejju, 1997, intqal:

*"L-ewwel Qorti rravvizat fl-ghemil ta' l-appellant il-kontravvenzjoni kkontemplata flartikolu 339(1)(d) tal- Kodici Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik ilpersuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '... attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others ...'. Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi."*

Dwar it-tieni imputazzjoni, u ċioè ir-reat kif kontemplat fl-Artikolu 251B (1), hemm bżonn ta' '*course of conduct*'. Dan ir-reat huwa kkunsidrat li jaqa' taħt it-tipoloġija ta' reati li jikkostitwixxu l-fastidju. Il-ġurisprudenza Maltija turi b'mod ċar, li sabiex dan ir-reat jiġi integrat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li:

(a) l-imġieba tal-imputat tkun tali li

(b) permezz tagħha huwa jikkaġuna lil ħaddieħor

(c) biża li ser tintuża vjolenza kontra l-persuna jew proprjetà tiegħu jew ta' persuni qrib tiegħu skont kif imfisser fil-liġi.

Qabel xejn, din l-imġieba trid tkun imġieba mifruxa fuq aktar minn okkażjoni waħda. Inċident waħdieni magħmul f'okkażjoni waħdanija, mhix biżżejjed biex tintegra dan ir-reat. Irid ikun hemm *course of conduct* – ossija aktar minn episodju wieħed mifrux fuq aktar minn okkażjoni waħda, u li turi ripetizzjoni. Dan joħroġ ċar minn analiżi tal-każijiet prinċipali dwar din il-materja, fosthom, Il-Pulizija vs. Alex Caruana Carabez, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-21 ta' Ġunju, 2007; Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-27 ta' Frar, 2009; Il-Pulizija vs. Raymond Parnis, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-24 ta' April,2009; Il-Pulizija vs Julian Genovese, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar it-12 ta' Awwissu, 2010; Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar l-24 ta' Jannar, 2011; Il-Pulizija vs. Brian Micallef, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar l-14 ta' Ottubru, 2011; u l-Pulizija vs Deemer Tabone, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-15 ta' Lulju, 2016, fost oħrajn. (Dawn ilkoll saret referenza għalihom fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Caven Cutajar, mogħtija fil-15 ta' Settembru, 2020.)

Il-Qorti, f'dan il-każ, ġiet rinfaċċata b'verżjonijiet opposti u kunfliġġenti. Lawrence Gerada sostna li huwa ġie mbuttat minn Harold Gerada, u nsulentat minn Marcelle Xuereb. Qal ukoll li huwa pprova jwaqqaf lil Harold Gerada milli jidħol ġol-garaxx fi Triq Tin, Ħal Qormi. Madanakollu bix-xokk, Lawrence Gerada qal li ma jafx xi kliem intqal lilu minn Marcelle Xuereb. Mill-banda l-oħra, Harold Gerada sostna li huwa qagħad b'idejh 'il fuq, u baqa' jiġi mbuttat minn missieru. Marcelle Xuereb sostniet li hija ma kellmitx fl-ebda ħin, lil Lawrence Gerada.

Il-Qorti tqies is-segwenti: Dwar ix-xhieda mogħtija minn Lawrence Gerada, Marcelle Xuereb u Harold Gerada, u ċioè minn dawn il-persuni li huma lkoll akkużati in konnessjoni ma' din l-istess ġlieda, u li l-istess każ għadu mhux deċiż, għandha ssir referenza għal dak li ntqal minn din il-Qorti, hekk kif diversament

ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna, Spettur Priscilla Caruana Lee) vs Omissis, Anthony Galea, fil-25 ta' Marzu, 2019:

*"Id-difiza tal-imputat sostniet li l-istqarrija tal-ko-imputat ma hiex ammissibbli bħala prova f'din il-kawża. L-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.*

*Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew lakkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali.*

*Din ir-regola hija desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi lparagrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. Fil-kaz odjern, il-kaz kontra l-koakkuzat Gilbert Galea ghadhu mhux deciz.*

*Id-difiza ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk dak kollu li qal il-ko-imputat mhux ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.*

*Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet fosthom Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; Il-Pulizija vs Toni Pisani Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; The Police vs Alfred W. Luck et, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; IlPulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.*

*Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi*

*procedure separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut" spjegat li:*

*"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall-gurisprudenzahemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala koawtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat liehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat liehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

*Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-digriet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia", fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:*

*"Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, blistess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-*

*istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi procedure separat.*

*Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet:*

*R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531l; P. v. Toni Pisani App. Krim., 11/11/1944, Kollezz. Deciz. XXXII.iv.792; R. v. Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.547; P. v. Alfred W. Luck et., App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870, u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrate bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-istess ismijiet tal-31/7/1998.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et."stqarret li:*

*"Kwantu ghal dawk ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkuzati, il-gurisprudenza, ibbazata kemm fuq il-ligi kif ukoll fuq ilbuon sens, hi cara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik ilpersuna tkun akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem ilkompjant Imhallef William Harding:*

*"Maltese law, in fact, in section 632, Chapter 12 (Illum 636; Kap. 9), considers as incompetent to give evidence (except of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to. Maltese law does not make any distinction as to whether the evidence of the codefendant is required by the prosecution or by another defendant.""*

*Il-Qorti taghmel referenza għad-digriet datat 4 ta' Frar, 2004, fl-ismijiet irRepubblika ta' Malta vs Brian Vella. Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-ġuri ta' Brian Vella jiġi xolt, u dan a bażi*

*tal-fatt illi x-xhud Domenic Bonnici, illi kien akkużat bl-istess reati bħall-akkużat, kien għadu ma għaddiex proċeduri, u għalhekk mhux xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkużat ai termini tal-Kodiċi Kriminali:*

*"persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala koawtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik ilpersuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor b'mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati'.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius tal-Imħallef Vincent DeGaetano tal-11 ta' Lulju, 1997:*

*"Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti lġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż".*

*Il-Qorti tfakkar f'Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali fejn hemm imnizzel li "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."*

F'dan l-isfond, u fid-dawl tal-fatt li dawn ix-xhieda kollha, u ċioè Marcelle Xuereb, Harold Gerada u Lawrence Gerada, huma kollha akkużati fi proċeduri quddiem din il-Qorti, dak kollu li xehdu, kemm favur, kif ukoll kontra l-imputat, ma jista' qatt jitqies li jagħmel prova ammissibbli kontra l-istess imputat.

Din il-Qorti għalhekk, tista' biss tqis ix-xhieda mogħtija mill-Uffiċjali tal-Pulizija u t-tfal ta' Lawrence Gerada. Madanakollu, il-Qorti tqies li dwar l-ewwel imputazzjoni, dawn ix-xhieda rrelataw biss il-verżjonijiet li ġew mogħtija, u ħadd minnhom ma kien preżenti waqt li kienet qed isseħħ l-allegata ġlieda. Dan

jammonta biss ghal '*hearsay evidence*', u konsegwentament, mhux provi ammissibbli fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza tal-Qorti Kriminali ta' nhar it-28 ta' Marzu, 2014, fl-ismijiet, 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella et.', fejn dwar dan il-punt il-Qorti qalet:

> *"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:" 'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)"*

Dwar it-tieni imputazzjoni, mix-xhieda ta' ħut Harold Gerada, jirriżulta biss li kienu qed jinqalgħu varji argumenti bejn missierhom u Harold Gerada, u li kien hemm okkażżjonijiet fejn Lawrence Gerada, kellu anke jittieħed il-*Policlinic*, in vista ta' grieħi li soffra meta ġie aggredit, allegatament minn Harold Gerada. Il-parte ċivile ppreżentat ukoll, ammont ta' rapporti li saru. Madanakollu, minn qari tal-akkuża, hekk kif imressqa fil-konfront ta' Harold Gerada, jirriżulta li dan gie akkużat ta' inċident wieħed. In fatti, l-imputazzjoni taqra talli fil-05.02.2019, għall-ħabta ta' 10.30 hrs, fi Triq Tin, Hal Qormi. Għalhekk, din l-imputazzjoni qatt ma' tista' tissussisti.

Għaldaqstant, il-Qorti tinnota li a bażi tal-provi prodotti, u dan anke minħabba l-fatti spjegati aktar 'l fuq, il-Prosekuzzjoni ma ġabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-liġi għall-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat. Il-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piż tal-prova rikjest mill-liġi, u ċioè dak fi grad ta' ċertezza morali, mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Kwindi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ tagħha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali.

**Decide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu, u qed tilliberaħ minn kull kundanna u ħtija.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**